Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 02/15 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013
**Data** 12/02/15 fit-8.10 pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| Amanda Abela | Preżenti |
| Joan Agius | Preżenti |
| Claude Camilleri | Preżenti |
| Raymond Caruana | Preżenti |
| Sean Chircop | Preżenti |
| Stephania Fenech | Preżenti |
| Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**02. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 01/15 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 01.8.1 | Wara 'Sqaq Brieqex', jidħlu l-kliem 'Sqaq Skarpel'. | | |
| 02. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**02. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02 2 1 | 01.2.1 | Hales: Dog Litter Bins | Hales informa lill-Kunsill li għadhom pendenti. | Hales |
| 02 2 2 | 01.2.2 | Abela: Isem ta' Triq għal Alexander Cachia Zammit | Il-Kunsilliera Abela staqsiet kif bqajna fir-rigward ta' l-isem ta' triq għal Dr. Alexander Cachia Zammit. Hales qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq li ser tinqara waqt il-korrispondenza. | Hales |
| 02 2 3 | 01.2.3 | Hales: One way - Triq San Klement | Hales informa lill-Kunsill li l-aċċess mis-central strip f'Misraħ il-Bjar ġie mwessa'. | Sindku<br>Hales |
| 02 2 4 | 01.2.5 | Hales: One way fi Triq Lvant | Hales informa lill-Kunsill li dwar il-one way fi Triq Lvant, ġie mibgħut reminder lil TM. | Hales |
| 02 2 5 | 01.2.6 | Caruna: Mera fi Triq Bormla | Il-Kunsillier Caruana fakkar dwar mera li kellha issir fi Triq Bormla. | Hales |
| 02 2 6 | 01.2.7 | Hales: Tabella Ġnien l-Għannejja Żwieten | Hales informa lill-Kunsill li t-tabella ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten għadha pendenti. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 2 | 7 | 01.2.10 | Fenech: Bollards fi Triq id-Duluri | Fenech staqsiet jekk sarux il-bollards fi Triq id-Duluri u jekk le fejn ser isiru. Is-Sindku spjega li dawn ser isiru fuq il-bankina. Fenech talbet sabiex issir iktar sorveljanza mill-Pulizija. Is-Sindku qal li l-Pulizija ilhom avżati dwar il-problema tal-individwi li jinġabru biex jieħdu ċ-ċekk ta' l-assistenza soċjali direttament mingħand il-pustier. Ser niktbu lis-CEO tal-Maltapost. | Sindku |
| 02 | 2 | 8 | 01.2.12 | Hales: Centre Lines fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Hales informa lill-Kunsill li dawn għandhom pendenti. | Hales |
| 02 | 2 | 9 | 01.2.13 | Fenech: Football pitch turf | Fenech staqsiet jekk il-Kunsill irċeveix risposta mill-Kunsill Malti għall-Isports. Is-Sindku spjega li r-risposta li kellna kienet li se joħorġu l-iskemi. Fenech infurmat lill-Kunsill li mill-istħarriġ li għamlet, il-ħaxix tal-pitch ta' Ġebel San Martin jiswa madwar Eur5,000. | Fenech |
| 02 | 2 | 10 | 01.2.14 | Chircop: Ġieħ iż-Żejtun | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li n-nominazzjonijiet ta' Ġieħ iż-Żejtun jinsabu miftuħa u ser jagħlqu fil-5 ta' Marzu f'nofsinhar. L-attivita' ser issir fis-Sala tal-parocċa. L-animazzjoni ser issir minn Corazon Mizzi. | Chircop |
| 02 | 2 | 11 | 01.2.16 | Camilleri: Sleeping Policeman fi Triq Lvant | Camilleri staqsa jekk twaħħlitx l-isleeping policeman fi Triq Lvant. Is-Sindku spjega li ser niċċekkjaw jekk waslux l-ends. | Sindku |
| 02 | 2 | 12 | 01.2.18 | Chircop: Katina | Il-Kunsillier Chircop reġa' fakkar dwar katina sabiex titneħħa minn Triq Sant'Anġlu k/m Triq Bisqallin. | Hales |
| 02 | 2 | 13 | 01.2.19 | Hales: Double yellow lines fi Triq Sant'Anġlu k/m Triq Bisqallin | Hales informa lill-Kunsill li dawn għadhom pendenti. | Hales |
| 02 | 2 | 14 | 01.3.3 | Hales: Ġbir ta' Skart | Hales informa lill-Kunsill li ma rċieva l-ebda lment ta' ġżuż ta' skart min-naħa tal-Kunstrattur. Il-Kunsillier Camilleri semma li f'xi ġurnata l-iskart inġabar fil-5pm filwaqt li l-Viċi-Sindku semmiet problema li kellhom ir-residenti ta' Sqaq Baġġi. Hales spjega li meta inġabar fil-5pm, dan ġara għax xi vetturi kellhom xi problema filwaqt li kull problema qed tiġi ndirizzata personalment mill-kuntrattur. | Hales |
| 02 | 2 | 15 | 01.3.4 | Viċi-Sindku: Sottomissjoni ta' proġett kapitali | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar is-sottomissjoni ta' proġett li ssemma fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku spjega li kien hemm bżonn li jiġi sottomess proġett sostennibli fi Ġnien San Girgor li jinkludi l-upgrade tal-playground u stallazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fuq il-bini tac-CDCC u it-Tribunal lokali li jinsabu fl-istess ġnien. Il-proposta f'aktar dettal ser tiġi preżentata waqt il-laqgħa li jmiss. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 2 | 16 | 01.3.5 | Fenech: Petizzjoni - One way Triq Santu Wistin | Fenech staqsiet jekk kienx hemm progress fir-rigward tal-petizzjoni tal-one way fi Triq Santu Wistin. Hales qal li din ġiet mgħoddija lill-TM. | Hales |
| 02 | 2 | 17 | 01.4.2iii | Fenech: Ħlas lill-persuni taħt is-16 -il sena | Fenech staqsiet jekk kienx hemm risposta dwar ħlas lill-persuni taħt is-16 -il sena. Is-Sindku spjega li ktibna lill-ETC fejn qalu li jista' jsir bi gratitudni. Fenech ippreżentat legal notice li tgħid li jrid jintalab permess<br>Il-Kunsilliera Agius ippreżentat lista ta' affarijiet li hi personalment tat lill-Kunsill tul il-ħidma tagħha. Hija semmiet ukoll li Ms Joanne Mifsud offriet ukoll kompjuter u monitor li qed jintuża għall-kids club ukoll. Il-Kunsilliera Agius qalet li l-proġett sottomess 'A Healthy Lifestyle in a healthy Environment' taħt il-Miżura 413 tal-Gal Xlokk, ġie verifikat mill-Managing Authority. Hija kompliet tgħid li Eur900 li ħadet għal xogħol li wettqet waqt il-proġett intefqu fl-laptop u printer li kienu neqsin fil-Kids Club jammontaw għal Eur800 u l-Eur100 li fadal ser jintefqgħu għall-kids club ukoll. Dan peress li l-interactive whiteboard tal-kidsclub kien qed jitħaddem bil-laptop personali tagħha. | |
| 02 | 2 | 18 | | | Fenech staqsiet x'garanzija għandu l-Kunsill li ser jieħu l-flus u kif ma intgħatawx flus bil-quddiem qabel ma beda l-progett u l-kumplament wara li tlesta. Is-Sindku spjega li dan huwa proġett differenti ta' l-UE fejn il-flus jingħataw wara li jispiċċa l-proġett u wara li tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni kollha. | |
| 02 | 2 | 19 | 01.10.2 | Fenech: Live-In | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-live-in li kellu jsir bejn it-23 u l-25 ta' Jannar ġie pospost. | Fenech |
| 02 | 2 | 20 | 01.10.3 | Fenech: Proġett Erasmus + | Fenech infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemmm komunikazzjoni u mhux worth it finanzjament ta' 20% biss. Hija infurmat lill-Kunsill li ser isir il-proġett 'I want to ride my bicycle 2'. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 2 | 21 | 01.10.6 | Hales: Parking bays fi Triq Anġlu Gatt | Hales informa lill-Kunsill li tneħħa r-reserved parking bay li kien mingħajr approvazzjoni. Fir-rigward tal-parking bays, ġiet mibgħuta ittra lil kull residenza fejn ġew mgħarrfa bil-proposta u li jekk iseħħ dan, il-postijiet allokati għall-parkeġġ se jonqsu b'mod drastiku. 13 minn 38 residenza, jiġifieri 34% biss qablu mal-proposta. Il-petizzjoni tinsab inkluża fil-korrispondenza. Il-Kunsillier Caruana semma li jeżistu l-problemi bejn il-ġirien u li r-residenzi żdiedu. Is-Sindku qal li l-Kunsill minn dejjem kellu policy li fejn ikun hemm diżgwid bejn il-ġirien, il-Kunsill ma jidħolx. L-ewwel, il-ġirien isolvu l-problemi ta' bejniethom, imbagħad jidħol il-Kunsill. | Hales |
| 02 | 2 | 22 | 01.10.7 | Agius: Attivtajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsil li r-recretional activity ġewwa San Antonio saret u ttellgħet il-wirja ta; San Valentinu gewwa ċ-Ċentru ta' l-Arti u Artiġjanat. Ġew nies apposta għaliha minn B'Kara u n-Naxxar. Għalkemm l-attendenza ma kinetx waħda numeruża, min attenda apprezza din il-Wirja. Hija fakkret lill-Kunsill li nhar l-14 ta' Frar ser issir il-ħarġa għall-Karnival tan-Nadur u fis-16 ta' Frar ser isir il-party tal-karnival tat-tfal. Għal Jum il-mara ser tkun mistiedna Mrs Michelle Muscat sabiex din iżżur ic-Child Day Care Centre. Ser issir ukoll sejħa għall-għoti ta' demm. | Agius |
| 02 | 2 | 23 | 01.10.8 | Viċi-Sindku: Attivita' Fondazzjoni Nazzaret | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita' saret kif ukoll saru ċ-ċertifikati. Għal din l-attivita attenda wkoll l-Onor.Chris Agius. | Viċi-Sindku |
| 02 | 2 | 24 | 01.10.9 | Viċi-Sindku: Baġits Sotto Kumitati | **Il-Kunsill qabel unanimanment li jiżdiedu l-fondi tas-sotto kumitati b'Eur250 -il wieħed għas-sena finanzjarja 2015.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

**02 3 Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/15. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 3 | 1 | 1 | MEPA: PA1742/14 | **Il-Kunsill qabel li jitlob kjarifika dwar dan l-iżvilupp.** | Segretarjat |
| 02 | 3 | 2 | 03 | MEPA: PA350/15 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core u għaldaqstant għandha tinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Segretarjat |
| 02 | 3 | 3 | 06 | DLG: Ftehim dwar skart riċiklat | Il-Kunsill innota li l-ftehim li għandu mal-Greenpak jiskadi f'Jannar 2016. | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 3 | 4 | 9 | POYC: Coeliac Voucher Scheme | Is-Sindku spjega lill-Kunsill dwar kif ġiet introdotta s-sistema tat-tqassim ta' vouchers lill-persuni konċernati. Fiż-Żejtun għandna madwar 40 persuna b'din il-kundizzjoni. **Il-Kunsill qabel li hu mhux kontra li joffri dan is-servizz liċ-ċittadin iżda ma jaqbilx ma kif ġiet introdotta fil-Kunsilli.** Għaldaqstant ser tintbagħat korrispondenza f'dan ir-rigward lill-Ministeru tas-Saħħa, kopja lis-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Buontempo. | Sindku Agius |
| 02 | 3 | 5 | 10 | TM: Zebra crossing fi Triq San Girgor k/m Triq San Piju X | Hales staqsa jekk hux ser isir id-dawl taz-zebra crossing. Is-Sindku qal li għadna nevalwaw kif dan ser isir. | Sindku Hales |
| 02 | 3 | 6 | 11 | Fondazzjoni Nazareth: Bil-Qadfa ta' Kulħadd | Il-Kunsill innota li l-Fondazzjoni Nazareth ser torganizza l-attivita 'Bil-Qadfa ta' Kulħadd 2015 fl-1 ta' Marzu fl-10am. | Viċi-Sindku |
| 02 | 3 | 7 | 12 | Kumitat Tismija tat-Toroq: Isem għal Triq Alexander Cachia Zammit | **Il-Kunsill qabel li jissottometti t-talba tiegħu bħala Triq Sandy Cachia Zammit quddiem l-istess Kumitat.** | Hales |
| 02 | 3 | 8 | 14 u 15 | A. Mifsud u M. Aqulina: Rimborz għal ħsarat fuq vetturi | Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Hales sabiex isegwi dawn il-korrispondenzi. | Hales |

**02. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 4 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 02 | 4 | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 02/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 02 | 4 | 2 | i 9 | Il-Viċi-Sindku kif ukoll il-kunsilliera Abela, Camilleri u Fenech iddikjaraw li mhumiex ser jidħlu fl-iskema tas-saħħa li qed tiġi proposta mill-AKL, peress li diġa' għandhom polza ta' assigurazzjoni. | | |
| | | | ii 77 | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ammont li ġie depożitat fir-rigward tar-Recreational Activity li saret fis-Soreda Hotel. Wara li saret verifikazzjoni, ġie innutat li l-ammont miktub kellu jkun ta' Eur485. | | |
| | | | iii 74 | Fir-rigward tal-kont tar-recreational weekend break li sar fis-San Antonio Hotel, inġibdet l-attenzjoni li kien għad fadal jidħlu xi flus u għalhekk l-ammont depożitat għandu jiżdied meta dawn iħallsu. | | |
| 02 | 4 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 02/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 02 | 4 | 4 | | Petty Cash - Jannar 2015 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €225.80** | Segretarju |

**00 5** **Bankini fi Triq Melchiorre Gafa' u Lorenzo Gafa'**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02 5 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nbeda x-xogħol fuq il-bankini ta' Triq Melchiorre Gafa' u Lorenzo Gafa'. | Sindku |

**02 6** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02 6 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: | Hales ippropona li tinxtara mobile camera ta' madwar Eur2,000 li tista' tiġi monitored permezz ta' simcard mill-Kunsill. Il-Kunsilliera Abela qalet li hija kienet talbet xi ħaġa simili meta kien hemm il-problemi fl-underground bring-in site f'Ta' Brejġu. Is-Segretarjat ser jidħol fid-dettalji u jirraporta lura. | |

**02. 7.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02 7 1 | | Caruana: Noticeboards | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex tliet notice boards li huma żgħar, jinbidlu sabiex isiru akbar. **Il-Kunsill qabel.** Il-Kunsillier Camilleri ppropona sabiex il-bus shelters li huma propjeta' tal-kunsill, jintużaw ukoll bħala noticeboards. | Caruana |
| 02 7 2 | | Viċi-Sindku: Info Session mill-ETC | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser issir information session għal nies b'diżabilita' li huma eliġibbli għax-xogħol sabiex dawn jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Din ser issir fis-26 ta' Frar fil-5pm. Fiż-Żejtun għandna madwar 300 persuna b'diżabilita' iżda 123 persuna hi eleġġibli għax-xogħol. | Viċi-Sindku |
| 02 7 3 | | Agius: Bus stop f'Bir id-Deheb | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex jinbidel il-bus stop li hemm fi Triq Bir id-Deheb. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 02 7 4 | | Chircop: Dog Litter Bins | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex jitwaħħal dog litter bin fil-Pjazza tas-Suq. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |
| 02 7 5 | | Chircop: Website bil-Malti | Chircop informa lill-Kunsill li tul il-weekend li ġej, il-website ser titella' bil-Malti ukoll. | |
| 02 7 6 | | Chircop: Tabelli ta' direzzjoni | **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-awtorita' konċernata dwar nuqqas ta' tabelli ta' direzzjoni fil-Marsa li jindikaw il-lokalita taż-Żejtun.** | Hales |
| 02 7 7 | | Chircop: Ġimgħa l-Kbira | Chircop informa lill-Kunsill li bħalissa għaddej xogħol fuq il-fuljett u l-kompetizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. | Chircop |
| 02 7 8 | | Abela: PQ One way Triq San Klement u Triq Santa Katarina | Il-Kunsilliera Abela ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill pq u riposta għall-istess pq dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni ta' TM tal-one ways ta' Triq San Klement u Triq Santa Katarina k/m Triq Sant'Anġlu. | Sindku<br>Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | i | | Is-Sindku spjega li l-one way fi Triq Santa Katarina saret peress li din kienet waħda mill-kundizzjonijiet meta saret il-wiċċ ta' l-istess triq. | |
| | | ii | | Fir-rigward tal-one way ta' Triq San Klement, din saret bi prova bl-approvazzjoni verbali tal-Perit Audrey Testaferrata de Noto lis-Sindku, Kunsillier Hales u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa żied jgħid li dan l-item tressaq quddiem il-Kunsill. | |
| | | iii | | Il-Viċi-Sindku qalet li din kellha effett fuq toroq oħra. Infatti l-Kunsill irċieva petizzjoni għal one way fi Triq Santu Wistin. | |
| | | iv | | Is-Sindku qal li n-nies trid li din it-triq tkun one way, iżda jekk TM trid, tista' tagħmilha kif kienet. Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex tinġieb l-approvazzjoni ta' TM. | |
| 02 | 7 | 9 | Fenech: Misraħ Ta' Pizzuta | Fenech ġabet quddiem il-Kunsill, il-każ ta' ħmieġ li qed joħroġ mill-farm li jinsab f'dan il-Misraħ. Is-Sindku spjega li l-każ ser jgħaddi għand il-Pulizija. | Agius |
| 02 | 7 | 10 | Fenech: Sala | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser terġa' issir applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi għas-sala ta' Ġnien San Girgor. Hija talbet sabiex jinżebaħ is-saqaf tas-sala mill-ħaddiema tal-Kunsill. | Sindku Fenech |
| 02 | 7 | 11 | Fenech: Attivitajiet Sportivi | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser jiġu organizzati attivitajiet sportivi f'Jum iż-Żejtun. | Fenech |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv